MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 370/2003

Middlesea Insurance plc u Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd
**Vs**
Nicholsons The Supermarket Limited

Il-Qorti;
Rat ic-citazzjoni li biha is-socjetajiet attrici wara li premettew:-
Illi s-socjettajiet atturi jikru lis-socjeta konvenuta inforza ta’ skrittura tat-23 ta’ Mejju 1994 (Dok A) l-fond kummercjali maghrufa bhala Nicholsons Supermarket, Amery Street, Sliema bil-kera ta’ Lm122,177.50,0 fis-sena pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem fl-1 ta’ Jannar u fl-1 ta’ Lulju ta’ kull sena, kif varjat dan il-kera skond id-dokument markat “Exhibit B” annessa mal-kuntratt fl-atti tan-nutar Marco Farrugia tad-9 ta April 2001 (Dok B), u bil-pattijiet l-ohra kollha indikati fl-istess skrittura fosthom id-dritt tas-sidien li jitterminaw l-imsemmija lokazzjoni f’kas ta’nuqqas tal-hlas tal-kera dvout fi zmien hmistax-il gurnata minn meta jigi

mitlub bil-miktub kif indikat f'ARTICLE IX – DEFAULTS AND REMEDIES –SECTION 9.01 tal-istess skrittura;

Illi bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tad-9 ta' April 2001 (Dok B) fuq imsemmi, is-socjeta konvenuta irrikonoxxiet li hija morusa fil-hlas tal-kera (kemm ghal dan il-fond kif ukoll ghall-fond kummercjali iehor lilha mikri mis-socjetajiet atturi) dovut sal-31 ta' Dicembru 2000 ammontanti Lm218,595.00,0 li kellhom jithallsu fi zmien tmien (8) gimghat mid-data tal-istess kuntratt bl-imghax tat-8 fil-mija fis-sena dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2001, liema kera dovut im kwantu ghal Lm46,018.05,0 ghal fond kummercjali l-iehor fuq imsemmi u in kwantu ghal Lm172,576.95.0 dovut ghal dan il-fond.

Illi minkejja li ghadda dan it-terminu is-socjeta konvenuta baqghet ma hallset xejn mill-ammont fuq imsemmi;

Illi inoltre is-socjeta konvenuta baqghet morusa fl-ammont ta' Lm133,027.74c0 bilanc mill-kera dovut ghall-periodu mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Dicembru 2002, billi hija hallset xi akkonti tul dan il-perjodu , oltre ll-VAT dovut fuq ll-istess ammont;

Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta hija morusa fil-hlas tal-kera ammontanti ghall-tliet mija u hamest elef, sitt mija u erba' liri u digha u sittin centezmu (Lm305,604.69c0) kif qabel spjegat ghall-fond kummercjali lilha mikri maghruf bhala Nicholsons Supermarket, Amery Street, Sliema u hekk ddekadiet minn kull dritt ta' kera li seta' kellha fuq il-fond de quo;

Illi ghalkemm mitluba biex thallas il-kera arretrat anke permezz ta' tlett (3) ittri ufficjali tas-17 ta' Ottubru, 2001, tat-12 ta' Frar, 2002 u tal-25 ta' Settembru, 2002 is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi fil-fema ta' David Curmi u Joseph M. Rizzo, ir-rapprezentanti guridici tas-socjetajiet atturi, is-socjeta konvenuta ma ghandiex eccezzjonijiet validi x'iggib kontra it-talbiet tas-socjetajiet atturi kif jirrizulta mill-Affidavit hawn anness Dok. X.;

Talbu ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Qorti ma ghandhiex taghti s-sentenza u tilqa' it-talbiet tal-atturi bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli l67-l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) billi:-

1. Tiddikkjara lis-socjeta konvenuta moruza fil-hlas tal-kera ghal-fond kummercjali maghruf bhala Nicholsons Supermarket, Amery Street, Sliema billi naqset li thallas il-keradovut kif qabel imsemmi fi zmien hmistax-il-gurnata minkejja li giet interpellata ghal-dan l-iskop bi tliet (3)ittri ufficcjali datati 7 ta' Otturbu, 2001, 12 ta' Frar, 2002 u 25 ta'Settembru, 2002 u konsegwentement tiddikkjara xolta l-kirja lilha maghmula bl-iskrittura tat-23 ta' Mejju, 1994;
2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn dina l-Qorti tizgombra mill-imsemmi fond Nicholsons Supermarket, Amery Street, Sliema;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-7 ta' Ottubru, 2001, tat-12 ta' Frar, 2002 u tal-25 ta' Settembru, 2002 kontra is-socjeta konvenuta li ir-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjetajiet atturi, inkluza dik ghall-hlas tal-kera arretrat, u l-VAT fuqha dovut u ghad-danni konsegwenzjali kontra is-socjeta konvenuta.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta tallum stess li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni kontra l-istess socjeta konvenuta;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjetajiet attrici kif dedotti fic-citazjoni billi tiddikkjara lis-socjeta konvenuta moruza fil-hlas tal-kera ghal-fond kummercjali maghruf bhala Nicholsons Supermarket, Amery Street, Sliema u konsegwentement tiddikkjara xolta l-istess kirja tat-23 ta' Mejju, 1994;

Tikkundanna lis-socjeta konvenuta biex tizgombra mill-imsemmi fond Nicholsons Supermarket, Amery Street, Sliema, u ghall-fini tal-izgumbrament tipprefiggi lis-socjeta konvenuta zmien sal-31 ta' Awissu, 2003.

Spejjes kontra is-socjeta konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------